# Se tivvjaġġa barra minn pajjiżek? Iċċekkja l-istatus tat-tilqim tiegħek!



Jekk qed tippjana vjaġġ, trid taħseb dwar it-tilqim, speċjalment jekk qed tivvjaġġa lejn l-Afrika, l-Asja jew l-Amerka t'Isfel.

## Il-vaċċini tal-ivvjaġġar...

- jipproteġuk minn mard serju
- jevitaw it-tixrid tal-mard
- jgħinuk tissodisfa r-rekwiżiti tal-ivvjaġġar
- jipprovdu serħan tal-moħħ

## Liema vaċċini għandek bżonn?




Dan jiddependi fuq:

- Lejn fejn se tivvjaġġa
- L-istorja medika tiegħek u s-saħħa ġenerali tiegħek
- It-tip ta' akkomodazzjoni tiegħek
- L-iskop tal-vjaġġ tiegħek

Pereżempju, voluntier tal-għajnuna se jkollu riskju ogħla ta' infezzjoni minn xi ħadd fuq btala.

### Vaċċini meħtieġa għall-ivvjaġġar

Xi pajjiżi jitolbu prova tat-tilqim qabel ma jippermettu d-dħul. Pereżempju, ħafna pajjiżi fl-Afrika u fl-Amerka t'Isfel jeħtieġu ċertifikat tat-tilqim kontra d-deni isfar.

### Kun ippreparat!

Xi vaċċini jeħtieġu dożi multipli, għalhekk ibbukkja l-appuntament tiegħek malajr kemm jista' jkun.




Iċċekkja mal-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek għal pariri aġġornati.

Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim

vaccination-info.europa.eu/en

PORTAL EWROPEW TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea